MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2479/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Felice u l-istess Anthony Felice**

**Vs**

**Joseph Pace**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm385.25 (tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) dovuti bhala danni kkagunati f'incident tat-traffiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta’ tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm385.25) dovuti in kwantu ghas-somma ta’ Lm370.75 bhala danni kkagjonati fil-vettura ta’ l-attur Anthony Felice, Lm11.50 prezz ta’ survey, u Lm3 prezz ta’ rapport tal-pulizija, u dan b’rizultat ta’ l-incident stradali li sehh fid-19 ta’ Dicembru 2001 fil-Marsa, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura CAI 757 ta’ propjeta` tieghu stess u dahal gol-vettura ta’ l-attur Anthony Felice li kienet misjuqa minn Joanne Felice bin-numru ta’ registrazzjoni TIZ 763, ghal-liema incident kien unikament responsabbli il-konvenut Joseph Pace kawza ta’ imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma jahtix ghall-incident de qou, liema incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sewqan da parti ta’ Joanne Felice li kienet qed issuq il-vettura TIZ 763.

2. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi jehtigilhom jipprovaw id-danni allegatament sofferti minnhom stante li l-istess huma kontestati;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizzjoni ‘de quo’ issuccediet fil-hrug minn Triq Albert Town ghal Triq il-Labour, Marsa. L-ewwel triq hija sekondarja ghat-Triq principali ossia, Triq il-Labour. Mhux kontestat li z-zewg vetturi gew minn u hargu fl-istess direzzjoni, riedu u difatti kisru fl-istess direzzjoni.

Kif solitu jigri, jigu sottomessi zewg versjonijiet. L-atturi jallegaw li l-vettura ta’ Felice waslet l-ewwel fuq il-post lejn nofs it-triq. Il-konvenut gie minn wara u dahal jokkupa l-ispazju bejn il-hajt u l-vettura l-ohra. Meta giet biex tohrog, harset biss lejn il-lemin ghax ippretendiet li fuq in-naha tax-xellug ma jkunx hemm vetturi.

‘Ex admissis’, ma harsitx lejn ix-xellug ghax ma kellhiex ghalfejn. Il-vetturi jigu mil-lemin biss u l-konvenut ma kellux ikun hemm. F’cirkostanza simili, it-Tribunal ikun rinfaccjat bil-verosimili tal-fatti. Kif kellha tagixxi is-sewwieqa tal-vettura attrici? L-oneru tal-atturi jimplika fl-istadju tal-provi, li mhux biss huma ma kellhomx tort ghas-sinistru, izda t-tort tas-sinistru kien jingombri fuq il-konvenut. Dan l-obbligu ma giex skarigat fuq il-konvenut.

Fic-cirkostanzi jichad it-talbiet attrici, jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvneut u in vista tac-cirkostanzi, l-ispejjez jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------